*27 ta' April, 1964*

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

*Joseph* **Ellul**

versus

Joseph Rossignaud ne.

**Pensjoni tax-Xjuħ — "Outworker" — Kuntratt ta' Servizz — Kuntratt għas-Servizz. Att tal-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali, Art. 44, 2.**

*Jekk l-impieg bħala "outworker", għalkemm mhux fost dawk eċċettwati mil-liġi, mhux b'daqa kollu impieg taħt 'kuntratt ta' servizz', allura ma jistax jitqies bħala impieg assigurabbli, għaliex huma biss l-impiegi taħt 'kuntratt ta' servizz' li huma dikjarati assikurabbli.*

*Għandu issir distinzjoni bejn 'kuntratt ta' servizz', u 'kuntratt għal-servizz'. Forsi fl-astratt hu aktar faċili li tgħid meta HEMM kuntratt ta' servizz milli meta MA HEMMX u hemm biss kuntratt GĦAL servizz. In ġenerali jidher li biex ikun hemm kuntratt ta' servizz jinħtieġ li jkun hemm relazzjoni ta' prinċipal u mpiegat, u li din ir-relazzjoni timporta l-eżistenza ta' ċertu grad ta' setgħa fil-prinċipal li jordna mhux biss x-xogħol li l-impiegat għandu jagħmel iżda anki il-mod li bih x-xogħol għandu isir.*

Dan hu appell mid-deċiżżjoni ta' l-Arbitru taħt l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali mogħtija fit-tmintax (18) ta' Jannar, 1964 li biha ġie ritenut illi *Joseph Ellul*

huwa ntitolat li jirċievi pensjoni tax-xjuħ bażata fuq il-medja minn sena għal sena tal-kontribuzzjonijiet imħallsa minnu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Att.

Bir-rikors tiegħu ta' l-appell, l-appellant Rossignaud talab li dik id-deċiżjoni tiġi revokata u tiġi minflok konfermata d-deċiżjoni tiegħu stess billi jiġi ddikjarat illi l-appellat Ellul ma hux intitolat għall-pensjoni tax-xjuħ għaliex hu ma kienx jaħdem f'impieg taħt kuntratt ta' servizz għall-finijiet u effetti ta' l-Att fuq imsemmi — bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

L-appellat wieġeb illi d-deċiżjoni ta' l-Arbitru hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Id-deċiżjoni appellata hi kif riportata hawn taħt:

"Id-deċiżjoni tiegħi hija li Joseph Ellul huwa intitolat għal pensjoni għax-xjuħ b'rata bażata fuq il-medja minn sena għal sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa minnu skond id-disposizzjonijiet tal-Att tal-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali.

F'Awwissu 1963 Joseph Ellul għamel talba għal pensjoni għax-xjuħ: fil-formula tal-applikazzjoni huwa ddikjara li kien impjegat bħala "cobbler" ma Domenico Carbonaro. Mir-records tad-Dipartiment tax-Xogħol irriżulta li Joseph Ellul kien ħallas 381 kontribuzzjoni mis-sebgħa (7) ta' Mejju, 1956 sal-25 ta' Awissu 1963, u dwar dan il-pont ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet. Id-Direttur ċaħad it-talba ta' Joseph Ellul u dana għar-raġuni li l-kontribuzzjonijiet minnu mħallsa ma kienux validi billi bejnu u bejn l-imsemmi Domenico Carbonaro ma kienx jesisti kuntratt ta' servizz għall-finijiet tal-Att fuq imsemmi in vista

tal-fatt kif ġie spjegat fil-memorandum anness mar-risposta tad-Direttur li Joseph Ellul kien 'outworker'. L-imsemmi Joseph Ellul qiegħed issa jappella minn dina d-deċiżżjoni.

Il-kwistjoni quddiemi hija jekk l-appellant kienx jew le persuna impjegata għall-fini tal-Att fuq imsemmi meta kien jaħdem għal Domenico Carbonaro: billi jekk dana l-kuntratt ta' servizz kien jeżisti ma jistax ikun hemm dubbju li r-rekwiżiti l-oħra rikjesti mill-Att fuq imsemmi għall-għoti ta' pensjoni għax-xjuħ huma presenti.

Fil-fehma tiegħi dana l-kuntratt ta' servizz bejn l-appellant u Domenico Carbonaro kien jeżisti u għall-fini tal-Att fuq imsemmi, l-appellant kien impjegat tal-imsemmi Carbonaro dejjem għall-fini tal-imsemmi Att u l-impieg tiegħu kien assigurabbili.

Ir-relazzjoni bejn l-appellant u Carbonaro tirriżulta ċara mix-xhieda tal-imsemmi Carbonaro mogħtija fis-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Diċembru, 1963. Dana qal li għall-aħħar għoxrin sena l-appellant kien jaħdem għalieh: il-ftehim kien li l-appellant u ħuħ kellhom jaħdmu żraben esklusivament għal Carbonaro li kien ifornihom bi' forom u materjal. Ix-xogħol kien isir id-dar tal-appellant li però kien soġġett għall-ordnijiet li jagħtieh minn żmien għal żmien l-istess Carbonaro fis-sens illi meta jkun hemm bżonn kien jordnalu liema xogħol kellu jsir. L-appellant kien jitħallas kull ġimgħa b'tant kull par żarbun. L-obbligu tal-appellant li jaħdem għall-imsemmi Carbonaro biss kien tant vinkolanti li anki ż-żraben li kien ikollu bżonn l-appellant kien jordnahom il Carbonaro, jaħdimhom huwa stess u jħallas għalihom: naturalment kien jirċevi mingħand Carbonaro dak li kien ikun ħaqqu għax-xogħol ta' dak il-par żarbun. Carbonaro żied igħid li fl-esperjenza tie-

għu jaf jiddistingwi x-xogħol ta' l-appellant minn dak ta' ħu l-appellant, li huwa mpjegat ma Carbonaro taħt l-istess ftehim, u jista' jgħid li kienu jaħdmu t-tnejn dejjem u li kienu jkunu applikati t-tnejn il-ġimgħa kollha.

Id-Direttur qiegħed jallega li bħala outworker l-appellant ma kienx impjegat taħt kuntratt ta' servizz għall-finijiet tal-Att fuq imsemmi. Wieħed ma jifhimx minn fejn toħroġ dina l-eċċezzjoni jew esklużżjoni: Fit-tieni parti tal-Ewwel Skeda tal-Att fuq imsemmi fejn hemm elenkati l-impiegi eċċettwali ma hemm ebda riferenza għal "outworker". Inoltre is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-tmienja (8) ta' Jannar. 1962 fil-kawża fl-ismijiet "P. L. Giuseppe A. Bruno vs. Joseph Rossignaud nomine" jinsab stabbilit li r-rekwisit ta' orarju fiss u sedi stabbilità ma jidhirx li hemm lok u biex wieħed jistabilixxi l-esistenza jew menu ta' kuntratt ta' servizz. Fil-fehma tiegħi r-rekwiżiti kollha għall-esistenza ta' dana l-kuntratt huma presenti kompris il-kontroll billi Carbonaro kien jista jesiġi li ż-żraben isiru fiż-żmien meħtieġ u skond id-direttivi tiegħu (ara sentenza tal-Appell fuq imsemmija).

Anki kieku wieħed kellu jikkonsidra l-appellant bħala "piece-workers", liema mpieg ma jidhirx eċċettwat fit-Tieni Parti tal-Ewwel Skeda tal-Att fuq imsemmi anqas dan ma jeskludi l-esistenza assoluta ta' kuntratt ta' servizz billi dina l-esistenza tiddependi unikament miċ-ċirkostanzi ta' kull każ. Jgħid il-Willis (Workmen's Compensation, 33rd Edition p. 172) b'riferenza għal 'piece-workers' "the task of determining between a case of independent contract and the relationship of master and servant is often one of great difficulty especially where the remuneration is based upon the amount of work performed. In such cases the power of control will generally prove to be the decisive test." Jekk

wieħed kellu japplika dana għal każ in ispeċje hemm fil-fehma tiegħi biżżejjed element ta' kontroll biex wieħed jistabilixxi l-esistenza ta' kuntratt ta' servizz.

Mill-premess jidderiva li l-bolli mħallsa mill-appellant dment li kien jaħdem għal Dominic Carbonaro huma validi għal fini tal-Att fuq imsemmi u li għalhekk billi dwar ir-rekwisiti l-oħra rikjesti mill-Att fuq imsemmi għall-għoti ta' pensjoni għax-xjuħ ma jidhirx li hemm dubbju, l-appell ta' Joseph Ellul għandu jiġi akkolt.

Għal dawna r-raġunijiet, prevja revoka tad-deċiżżjoni tad-Direttur, niddeċiedi billi ni'qa' l-appell ta' Joseph Ellul billi niddikjara li l-bolli minnu mwaħħla dment li kien impjegat ma Domenico Carbonaro huma validi skond l-Att fuq imsemmi u li l-appellant huwa ntitolat li jirċievi pensjoni għax-xjuħ b'rata bażata fuq il-medja minn sena għal sena tal-kontribuzzjonijiet minnu mħallsa skond id-disposizzjonijiet tal-Att fuq imsemmi."

Il-Qorti, wara li rat l-inkartament tal-każ u semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell, ikkunsidrat:—

L-ewwel kwistjoni li għandha tiġi kkunsidrata u deċiża hija jekk u sa fejn id-deċiżżjoni ta' l-Arbitru fil-każ presenti hi apppellabbli lil u sindakabbli minn din il-Qorti, skond l-artikolu 44 ta' l-Att mid-deċiżżjonijiet ta' l-Arbitru jista' jsir appell lil din il-Qorti biss fuq xi punt ta' liġi.

Il-kwistjoni sostanzjali quddiem l-Arbitru kienet jekk l-appellat kienx persuna mpjegata f'impieg assigurabbli għall-finijiet ta' l-Att.

Fuq il-fatti ma jidherx li kien hemm jew li hemm bejn il-partijiet ebda kuntrast u dawn il-fatti huma suċċinta-

ment iżda *kjarament esposti fid-deċiżżjoni* ta' l-Arbitru. Iżda mentri l-appellant jippretendi illi dawk il-fatti juru illi bejn l-appellat u Domenico Carbonaro kien hemm biss "kuntratt għal servizz" li ma hux impieg assigurabbli, l-appellat isostni, u hekk irritjena l-Arbitru, illi bejn l-appellat u Carbonaro ir-relazzjoni kienet tikkostitwixxi "kuntratt ta' servizz" u kwindi impieg assigurabbli.

Skond l-artikolu 2 ta' l-Att "persuna mpiegata" tfisser persuna li jkollha iżjed minn erbatax-il sena li tkun impiegata f'impieg assigurabbli. "Impieg Assigurabbli", għall-finijiet ta' l-Att, ifisser kull impieg imsemmi fil-Parti I ta' l-ewwel Skeda li mhux eċċettwat fil-Parti II ta' l-istess Skeda li mhux eċċettwat fil-Parti II ta' l-istess Skeda (art. 4). Skond il-Parti I ta' li Skeda huwa mpieg assigurabbli kull impieg f'Malta "**under any contract of service** or apprenticeship written or oral, and whether expressed or implied, including employment by or under the Crown."

Issa l-pretensjoni ta' l-appellant tikkonsisti essenzjalment f'dan. illi, fil-fehma tiegħu, l-appellat kien dak li jissejjaħ "**outworker**" u ħaddiem ta' din ix-xorti ma jista' qatt jingħad li hu mpiegat taħt "kuntratt ta' servizz".

Il-Qorti taħseb li ma għandu jkun hemm ebda diffikolta biex tiġi aċċettata l-ewwel parti ta' l-pretensjoni ta' l-appellant, illi, ċioe l-appellat kien "outworker." Fl-Att in kwistjoni din il-kelma ma tidherx li tirrikorri, iżda tirrikorri f'xi liġi oħra tagħna, bħal per eżempju fl-Att Nru. XI ta' l-1952, li jirregola l-kondizzjonijiet ta' l-impieg. F'dik il-liġi

> "outworker" means a person to whom articles or materials are given out by another person to be made up, cleaned, washed, altered, ornamented, finished, repaired or adapted for the purpose of the

trade or business of that other person where the process is to be carried out either in the home of the outworker or in some other premises not being premises under the control and management of that other person.

Din hi d-definizzjoni ta' "outworker" użalment mogħtija anki fil-liġijiet ingliżi li fuqhom il-leġislazzjoni tagħna f'dawn il-materji ġiet modellata.

Karatteristika ta' l-'outworker' hi li hu jagħmel ix-xogħol tiegħu fid-dar tiegħu jew, insomma, f'post li mhux taħt il-kontroll jew l-amministrazzjoni ta' dak li jħaddmu.

Issa l-appellat kien jaħdem ix-xogħol ta' montatura ta' żraben li Carbonaro kien jatih għall-finijiet tan-negozzju tiegħu fid-dar tiegħu (ċioe ta' l-appellat) u għalhekk jgħid sewwa l-appellant illi l-appellat għandu jitqies bħala "outworker."

Minn dan il-fatt l-appellant, kif ġa ntqal, jiġbed il-konklużżjoni, — li hu jgħid li hija legalment inevitabbli — illi l-appellat ma kienx jaħdem taħt "kuntratt ta' servizz."

Hawn qiegħda d-diffikolta: iżda l-Qorti wara li ħasbet sewwa ma tħossx li tista taċċetta din il-pretensjoni bħala proposizzjoni legali.

Ċertament l-appellant għandu raġun meta jgħid, kif qal fir-rikors ta' l-appell, illi, sempliċement għaliex l-impieg ta' 'outworker' ma hux inkluż fost l-impiegi espressament eċċettwati fil-Parti II ta' l-Iskeda, ma jfisserx neċessarjament illi dak l-impieg jidħol fil-Parti I ta' l-Iskeda bħala mpjeg assigurabbli. L-Att ma jgħidx illi mpjeg hu assigurabbli jekk mhux wieħed minn dawk eċċettwati. Jekk

l-impieg bħala 'outworker', għalkemm mhux fost dawk espressament eċċettwati, mhux b'dana kollu mpieg taħt "kuntratt ta' servizz", allura ma jistax jitqies bħala mpieg assigurabbli; għaliex huma biss l-impiegi taħt "kuntratt ta' servizz" li fil-Parti I ta' l-Iskeda huma dikjarati assigurabbli. Hekk, biex wieħed jagħti eżempju, l-impieg ta' kuntrattur indipendenti (independent contractor) mhux fost dawk espressament eċċettwati: pero, b'dana kollu, ma hux impjeg assigurabbli, u dan appuntu għaliex ma hux impjeg "taħt kuntratt ta' servizz." Dan voldiri li jista jkun hemm impiegi għal prestazzjoni ta' xogħol li, għalkemm ma humiex fil-liġi espressament eċċettwati, jistgħu ċiononostante, ma jkunux impjegi assigurabbli jekk mix-xorta tagħhom ma jinkwadrawx ruħhom fid-definizzjoni ta' mpieg assigurabbli li tippostula l-esistenza ta' kuntratt ta' servizz.

Iżda, min-naħa l-oħra, kif ġa ntqal, il-Qorti ma' tistax taċċetta l-pretensjoni ta' l-appellant illi l-impieg ta' 'outworker' hu min-natura tiegħu u a priori eskluż mill-konċett legali ta' mpieg taħt kuntratt ta' servizz.

L-appellant tant fir-rikors ta' l-appell kemm fin-nota tiegħu invoka favur tiegħu dottrina u ġurisprudenza ingliża. Dan ċertament hu sewwa u inevitabbli għaliex il-liġi in kwistjoni, bħal diversi liġijiet oħra soċjali emanati fi żmien relativament reċenti, ġew kif ġa ġie aċċennat ikkupjati minn leġislazzjoni korrispondenti ingliża u l-kliem tagħhom għandu jitqies li jirrifletti normalment l-istess konċetti ta' l-oriġini.

Pero jiġi osservat illi ma ġiet ċitata mill-appellant ebda awtorita jew deċiżżjoni ingliża li affermat bħala massima l-propozizzjoni suġġerita mill-appellant illi l-im-

*pieg ta' 'outworker' hu minnu n-nifsu, legalment, eskluż* mill-konċett ta' "contract of service", u anqas il-Qorti firriċerki indipendenti u kemm jista jkun eżawrienti tagħha ma sabet ebda awtorita jew deċiżżjoni f'dak is-sens.

Huwa veru, kif sewwa jgħid l-appellant, illi, għallfinijiet ta' din il-liġi, hemm, u għandha ssir, distinzzjoni bejn "kuntratt ta' servizz" u "kuntratt għal servizz."

Fil-Willis, ċitat mill-appellant (p. 163) jingħad: "attention must be called to the difference between a contract of service and a contract for services. The latter does not fall within the definition" (ta' "workman" li tirrikjedi kuntratt ta' servizz).

Iżda għad illi din id-distinzzjoni għandha ssir u tista tiġi illustrata b'eżempji, ma jidherx illi jista jiġi stabbilit xi kriterju kostanti *'a priori' li*, fil-varjeta *kontinġenti taċċirkostanzi*, jissegrega xorta ta' kuntratt mill-oħra. Infatti fl-istess sentenza tal-Qorti Ingliża fejn ġiet attirata l-attenzzjoni għan-neċessita illi d-differenza tinżamm in vista, issokta jingħad:

> "In any particular case it will be for the Arbitrator after considering all the circumstances to decide whether the injured person is or is not a "workman." This is not a question of law, but a question of fact and, unless the Arbitrator has misdirected himself, this Court ought not to interfere." (Willis: loc-cit.)

Forsi fl-astratt hu aktar faċli li tgħid meta hemm kuntratt ta' servizz milli meta ma hemmx u hemm biss kuntratt għal servizz. In ġenerali jidher li biex ikun hemm kuntratt ta' servizz jinħtieġ li jkun hemm relazzjoni ta' prinċipal (master) u mpjegat (servant) u li din ir-relaz-

zjoni timporta l-eżistenza ta' ċertu grad ta' setgħa fil-prinċipal li jordna mhux biss x'xogħol l-impjegat għandu jagħmel iżda wkoll il-mod li bih ix-xogħol għandu jsir.

Iżda jekk f'każ partikolari din ir-relazzjoni teżistix jew le hija kwistjoni ta' fatt dipendenti mill-kompless kollu taċ-ċirkostanzi (Halsbury Laws of England Vol. 22 § 191). Il-grad ta' dipendenza da parti tal-persuna li tirrendi s-servizz mill-prinċipal, l-esistenza ta' kontroll mill-prinċipal, il-post fejn ix-xogħol isir huma kollha fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati: iżda bosta drabi l-kwistjoni hi verament waħda ta' grad u bħala tali ta' fatt.

Għaliex 'outworker' jaħdem ix-xogħol kommess lilu ġo daru u mhux fil-fabbrika tal-prinċipal jew f'xi post ieħor taħt il-kontrol dirett tiegħu, il-Qorti ma tħossx li jista jingħad, kif jippretendi l-appellant, illi għal dik ir-raġuni biss l-impieg tiegħu hu dejjem kuntratt għal servizz u m'hu qatt kuntratt ta' servizz. Fil-każ partikolari, nonostante l-post tax-xogħol, jista jkun hemm grad biżżejjed ta' dipendenza u ta' kontroll kif ix-xogħol għandu jsir u ċirkostanzi oħra li jistgħu jilleġittimaw il-konklużżjoni illi si tratta fil-każ ta' kuntratt ta' servizz. Hu għalhekk illi din titqies bħala kwistjoni ta' fatt li l-Qorti ma tiddisturbax sa kemm ikun jidher illi kien hemm ċirkostanzi pruvati li fuqhom l-arbitru sata raġonevolment jasal għall-konklużżjoni tiegħu u ma jkun hemm xejn li juri illi hu avviċina l-kwistjoni taħt xi konċett legali żbaljat.

L-appellant jissuġġerixxi illi hemm lok għall-apprezzament taċ-ċirkostanzi u kwindi hemm kwistjoni ta' sempliċi fatt, fil-każ biss ta' "piece-worker" meta wieħed irid jara jekk hux assigurabbli bħala 'servant' inkella mhux assigurabbli bħala 'independent contractor.' Iżda għal din

il-limitazzjoni l-Qorti ma jidhriliex li hemm ebda ġustifikazzjoni. Ġa ntqal aktar il-fuq, fuq l-istess awtorita invokata mill-appellant, il'i għall-apprezzament taċ-ċirkostanzi hemm lok dejjem anki biex jiġi deċiż jekk, fil-każ partikolari, hemmx kuntratt **ta' servizz** jew kuntratt **għal servizz**, u kwindi anki biex jiġi deċiż jekk 'outworker', **meħudin in konsiderazzjoni il-kondizzjonijiet ta' l-impjeg tiegħu fil-każ partikolari** hux jaħdem taħt kuntratt ta' servizz pjuttost milli, verament, taħt kuntratt għal servizz.

Del resto fl-iskritturi ta' l-appellant in-nifsu, hemm raġonament li, a meno che l-Qorti mhix tiżbalja, jidhrilha li jwaqqa l-istess affermazzjoni prinċipali tiegħu. Din l-affermazzjoni hi fis-sens illi l-'outworker', għax jaħdem iddar, għandu jitqies 'a priori' eskluż mill-konċett ta' kuntratt ta' servizz. Bħala prova ta' din il-proposizzjoni, l-appellant jinvoka, tant fir-rikors ta' l-appell kemm fin-nota elaborata tiegħu ġa msemmija, il-Workmen's Compensation Act, 1925 ta' l-Ingilterra fejn l-'outworker' huwa "excepted from the definition of workman." Dik id-'definition' f'dak l-Att, (bħad-definizzjoni ta' mpieg assigurabbli fil-liġi tagħna in kwistjoni) **tippostula kuntratt ta' servizz.**

Issa fir-rikors ta' l-appell l-appellant qal hekk: **"L-eċċezzjonijiet elenkati fit-tieni parti ta' l-Ewwel Skeda bilfors iridu jkunu jirriferrixxu għal impjegi li normalment jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' mpieg taħt kuntratt ta' servizz biex ikunu jistgħu jiġu eċċettwati, għaliex hu assurd li wieħed jippretendi li tista tiġi applikata l-esenzjoni millħlas tal-bolli jekk ma jkunx hemm a priori l-obbligu li jitħallsu dawn il-bolli."**

Dan ir-raġonament ta' l-appellant, applikat għal dak li hu stess jgħid dwar il-Workmen's Compensation Act ingliż, ifisser illi, ġa la darba, f'dik il-liġi, l-'outworker' ġie

espressament eċċettwat mid-definizzjoni ta' 'workman', bil-fors illi normalment l-'outworker', kieku ma ġiex eċċettwat, kien jaqa taħt dik id-definizzjoni u kien ikun, kwindi, "workman", id est persuna. 'by definition' impjegata taħt kuntratt ta' servizz.

Jekk dana r-raġonament ta' l-appellant hu validu l-inferenza — u din kontra tiegħu — hi illi fl-Ingilterra 'outworker' hu normalment kunsidrat, jew ad ogni modo jista jkun kunsidrat, bħala ħaddiem taħt 'a contract of service" u li biex ma jitqiesix tali f'ebda każ jeħtieġ illi teskludih il-liġi stess mid-definizzjoni tagħha.

Minn dak kollu li ntqal, il-Qorti jidhrilha li tista tirriassumi l-posizzjoni, kif hi taraha, b'dan il-mod.

S'intendi kieku l-'outworkers' kienu espressament kompriżi fl-impiegi eċċettwati fit-Tieni Parti ta' l-Ewwel Skeda, il-kwistjoni ma kienetx tqum. Il-fatt biss li m'humiex hekk eċċettwati ma' jfisserx neċessarjament, kif ġa ntqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza, illi huma jidħlu dejjem, huma x'inhuma ċ-ċirkostanzi, fost l-impiegi assigurabbli kif definiti fl-Ewwel Parti ta' dik l-Iskeda. Dak il-fatt pero jfisser illi, appuntu għaliex l-outworkers m'humiex espressament esklużi, il-Qorti ma tistax hi teskludihom 'a priori' bħala klassi. Minn dan jiġi illi kull każ ta' "outworker" jeħtieġ li jiġi eżaminat għalih fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, s'intendi fid-dawl ta' dawk il-kriterji legali ġeneralment aċċettati, biex jista jiġi deċiż jekk jidħolx jew le bħala mpjeg assigurabbli. Din hi kwistjoni ta' fatt.

Fil-każ presenti l-Qorti jidhrilha illi l-Arbitru ma mexa fuq ebda prinċipju legali żbaljat u li kien hemm 'evidence' quddiemu li tista ssostni l-konklużżjoni li wasal fiha.

Kwindi l-Qorti ma tistax tiddisturba dik il-konklużżjoni u dan mingħajr ma jiġi nvestigat x'setgħat kieku tkun id-deċizzjoni ta' l-Qorti fuq l-istess fatti.

*Jekk l-inklużżjoni ta' 'outworkers' fl-Assigurazzjoni* Nazzjonali tista talvolta forsi toħloq diffikultajiet amministrativi u oħrajn, ir-rimedju m'hux f'idejn il Qorti iżda f'idejn il-leġislattur.

Għal dawn il-motivi u *fis-sens tal-konsiderazzjonijiet* premessi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżżjoni appellata bl-ispejjeż kontra l-appellant.